MALTA

# QORTI KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF

## MICHAEL MALLIA

Seduta tat-3 ta' Dicembru, 2014

Numru 16/2012

Il-Pulizija

Vs

Delon Zammit

Illum 3 ta' Dicembru, 2014,

Il-Qorti,

Rat id-denunzja;

Semghet lil Probation Officer Antonella Spagnol u lill-istess denunzjat;

Ikkunsidrat,

Illi minkejja l-attitudni posittiva ghal ewwel seduti, waqt is-smiegh ta' din id-denunzja fis-seduta tal-21 ta' Mejju, 2014, il-Probation Officer xehdet li d-denunzjat ghamel rigress notevoli u mar lura ghal hajja ta' qabel. Dan ikkonfermah l-istess denunzjat fejn ammetta li ha d-droga bhala mezz ta' harba ghall-problemi li ghandu u li issa qed jirrikorri ghal-metadone.

Ikkunsidrat,

Illi d-denunzjat ghandu problemi u issues kbar u serji li mhux facli li jigu solvuti u zgur li s-socjeta' mhix qed tghin, anzi l-oppost. L-unika tama li ghandu d-denunzjat hi f'ommu u l-istituzzjonijiet u NGO's mwaqqfa mill-istat biex jghinu nies bi problemi bhad-denunzjat u anke dawn mhux dejjem jirnexxielhom fl-isforzi taghhom. Minkejja l-problemi li ghandu, d-denunzjat jrid jifhem li ghandu jikkppera, ghal gid tieghu stess, ghax hekk biss jista' jtaffi xi ftit mill-wegghat tal-problemi tieghu. Wahdu mhux ser jaghmel xejn u wisq inqas bit-tehid tad-droga li ser titfghu fi spirall ta' dwejjaq u nkwiet b'terminu wara iehor ta' prigunerija.

Ghalhekk, ghal din id-darba, minkejja l-fedina penali teighu li ghal bniedem ta' 19 il-sena hija gia allarmanti, l-Qorti mhix ser tikkunannah ghal-perijodu ta' prigunerija effettiva bit-tama li d-denunzjat jirrealizza din il-hajja f'xix ser twasslu u jirrikorri ghall-assistenza professjonali kemm jista' jkun malajr u jibqa' taht din l-assistenza/kura kemm hemm bzonn.

Ghal dawn il-mottivi wara li rat l-art. 18, 49, 50, 261(a)(c), 262(b), 267, 276, 277(a) tal-Kap 9, tikkunanna lid-denunzjat ghal tmintax il-xahar prigunerija b'dana pero' b' applikazzjoni tal-art. 28A tal-Kap 9 tordna li dan it-terminu jkun sospiz ghal zmien tlett snin millum.

## < Sentenza Finali >

-------------------------------TMIEM-------------------------------